MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2401/2002

**Joseph u Carmen konjugi Dalli**

**Vs**

**Joseph Incorvaja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-ammont ta’ Lm561.78c (hames mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) rappresentanti danni sofferti f’incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li ma kienx responsabbli ghall-incident.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti.

Ikkunsidra l-Pulizija PC 915 Joseph Abela l-partijiet kienu gew fl-ghassa u mlew il-formola (front to rear) u waqt li l-partijiet kienu qieghdin jimlew il-formola ma kien hemm

ebda kwistjoni dwar jekk il-fatt din il-kollizzjoni kienitx ‘front to rear’ jew dwar il-htiega li ssir skizz.

L-attur xehed li huwa hareg mill-parking area li hemm wara l-Millenja, dahal f’Labour Road sejjer fid-direzzjoni ta’ Rahal Gdid. Hu waqaf fit-traffic lights u l-konvenut dahal go fih minn wara. Wara l-incident l-konvenut qal “skuzani ma rajtekx”.

Il-konvenut xehed li kien sejjer fid-direzzjoni ta’ Birzebbugia. Il-konvenut qal li kien fuq il-lane ta’ barra u ried ikun fuq il-lane ta’ gewwa (minn dawk iz-zewg lanes ma jiehdux fid-direzzjoni ta’ Birzebbugia). Il-konvenut xeghel l-indicator. Il-konvenut qal li fil-pront hareg minn fejn is-shipbuiliding l-attur u dahal fl-ispazju ezatt quddiemu. Il-konvenut ammettta li wara l-incident qallu “skuzani”. Il-konvenut qal li jaqbel li d-danni li kkaguna huma murija fir-ritratti. Wara l-incident il-konvenut qal li kien lest li jhallas lill-atturi. Skond il-front to rear form il-konvenut qal li habat mal-parti ta’ wara tal-vettura l-ohra, waqt li kien miexi fl-istess direzzjoni u waqt li kien miexi fl-istess lane u waqt li kien qed jaqleb minn lane ghall-ohra. Il-konvenut qal li ma kienx attent meta ttikja l-kaxxi. Theresa Incorvaja qalet li l-attur hareg minn quddiem is-shipbuilding u dahal fil-lane taghhom.

Minn dak li hemm fil-front to rear form, minn dak li jidher mir-ritratti u mix-xhieda mressqa jirrisulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident ghaliex naqas li jara l-karozza tal-attur quddiemu. Illi kieku l-attur hareg minn side road quddiem il-konvenut, il-konvenut ma kellux jimmarka l-kaxxi li kien miexi fl-istess direzzjoni u fl-istess lane. Il-fatt li ezatt wara l-incident l-konvenut talbu skuza u qal li kien lest li jhallas huwa sinjal li l-konvenut kien jaf li kellu tort. L-incident gara ghaliex il-konvenut ried ibiddel il-lanes u naqas li jara l-karozza quddiemu.

Illi d-danni ma gewx kontestati.

Ghaldaqstant, jichad ir-Risposta tal-konvenut u jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-

ammont ta' Lm561.78c (hames mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mis-16 ta' Ottubru, 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------